MALTA

# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2013

Rikors Generali Numru. 396/2012

Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali

Vs

A B C nee' D. E

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-6 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta:

Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai termini tar-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri**;

Illi permezz ta' sentenza ppronunzjata mill-Qorti tal-Appell f'Douai Franza fid-19 ta' April 2012, F G C ingħata drittijiet ta' aċċess għal uliedu tewmin F u G C mweldin f' Armentieres ġewwa Franza fis-27 ta' Ġunju 2007 u li qiegħdin jirrisjedu flimkien ma' l-omm A B C nèe D. E f'283A Main Street Balzan, Malta. Traduzzjoni awtentika fil-lingwa Ingliża ta' din is-sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi skont kif kalendat fil-**paragrafu 1 tal-artikolu 41** tal-imsemmi Regolament Nru 2201/2003, "*drittijiet ta' aċċess...mogħtija f'sentenza nfurzabbli li tkun ingħatat fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti u jkunu nfurżabbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabilità u mingħajr ebda possibilità li ssir opposizzjoni għar-rikonoxximent tagħhom jekk is-sentenza tkun ġiet iċċertifikata fl-Istat Membru ta' l-oriġini*";

Illi tali sentenza ġiet fil-fatt iċċertifikata mill-istess Qorti tal-Appell ġewwa Douai Franza ai termini tal- **paragrafu 2 ta' l-istess artikolu 41** liema ċertifikat, flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni fil-lingwa Ingliża, qed jiġu annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok. C rispettivament;

Illi għalhekk, ai termini tal-**paragrafu 2 tal-artikolu 47** ta' l-istess regolament, is-sentenza fuq riferita "*għandha tiġi nfurzata fl-Istat Membru ta' l-infurzar* (u ċjoè Malta bħala l-istat ta' residenza tal-minuri F u G C *bl-istess kondizzjonijiet daqs li kieku ġiet maqtugħa f'dak l-Istat Membru*";

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

Skont kif provdut fl-**artikolu 48** tal-istess regolament, tagħmel dawk l-arranġamenti prattiċi għall-organiżazzjoni ta' l-eżerċitar tad-drittijiet ta' l-aċċess mil-missier F G C għal uliedu F u G C skont kif mogħtija permezz tas-sentenza fuq ċitata u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet :

Illi l-esponenti qiegħda tagħti ruħha b'notifikata għar-rikors ipprezentat mid-direttur tad-Dipartiment għall Standards fil-Ħarsien Soċjali tad-6 ta' Lulju 2012 b'effett mil-lum.

Illi t-talba fir-rikors prezentat mid-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali fid-6 ta' Lulju 2012 hija sabiex din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-Artikolu 48 tar-regolament *Brussels II bis* taghmel dawk l-arrangamenti prattici ghall-organizzazzjoni ta' l-ezercitar tad-drittijiet ta' l-access mill-missier F G C ghall uliedu F u G C.

Illi tali talba ghandha tigi michudha u dan ghas-segwenti ragunijiet:

**A. <u>In-nuqqas ta' possibilta ta' ezekuzzjoni tas-sentenza Franciza:</u>**

Illi is-sentenza annessa bhala Dok A ma tistax tigi rikonoxxuta jew infurzata u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Jigi rilevat li c-certikat anness bhala Dok C mar-rikors hareg irregolarment stante li skond ma gietx segwita l-procedura skond l-artikolu 41(2) tar-regolament Brussels 2201/2003 (cioe Brussels II bis) jghid specifikatament:

"41(2) The judge of origin shall issue the certificate referred to paragraph (1) only if the child was given an opportunity to be heard unless a hearing was considered inappropriate having regard to his or her age.".

Illi ghalhekk tali certifikat ma jistghax jigi kunsidrat bhala wiehed validu u , f'dan il-kaz ma jaghtix s-sentenza tal-Appell f'Douai Franza tad-19 ta' April 2012 sahha lil din is-sentenza sabiex tigi rikonoxxuta ai termini tal-Artikolu 41 tar-regolament ***Brussels II bis*** u dana stante li l-minuri fl-ebda hin ma nstemghu u mis-sentenza ma jirrizultax li hemm xi raguni ghaliex dan ma sarx.

Jigi rilevat li l-minuri ghandhom  5 snin.

Illi ghalhekk tali sentenza mhix ezegwibli f'Malta ghaliex ma saritx skond dak rikjest fl-artikolu 41(2).

Illi skond l-kazistika ingliza fuq Brussels II bis gie dikjarat s-segwenti:

F'sentenza ricenti  **W vs. W (2010) EWHC 332(Fam)** il-Qorti Ingliza rriteniet illi ghalkemm fil-Brussels II bis  ma hemmx eta specifikata, tifel ta' 6 snin kellu jinstemgha u l-oggezzjonijiet tieghu kellhom jigu kkunsidrati.

Fis-sentenza **Re D (a child) (abduction: foreign custody rights)** [2006] UKHL 51; [2006] All ER (D) 218 (Nov) gie ukoll ritenut hekk:'Brussels II Revised Regulation (EC) 2201/2003 recognises the importance of listening to the children involved in children's cases by reversing the burden in relation to hearing the child. Although strictly this only applies to cases within the European Union, the principle is of universal application and consistent under article 12 of the United Nations Convention on the Rights of the Child. It applies in every case involving the Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction 1980 and erects a presumption that the child will be heard unless this appears inappropriate.'

Illi peress li t-tfal ma xehdux f'dawn il-proceduri, c-certifikat anness bhala Dok  C ma jistax jigi kkunsidrat bhala wiehed validu stante li ma kienx  konformi ma' dak li jirrikjedi l-Artikolu 41 tal-Brussels II Bis u ghalhekk ma jistax jitqies li s-sentenz deciza mill-Qorti tal-Appell f'Douai Franza fid-19 ta' April 2012 hija wahda li hi infurzabbli f'Malta.

GURSIDZZJONI LI L-QORTI GHANDHA DRITT TAGHMEL HEKK.

Illi huwa nvista ta' dan li t-talba kif kontenuta fir-rikors ghandha tigi michudha.

**B. <u>Id-digriet ta' din il-Qorti dwar l-access huwa dak li jghodd.</u>**

Jigi rilevat li stante li hemm digriet tal-Qorti Maltija tat-8 ta' Frar 2010 dwar l-access, huwa d-digriet tal-Qorti Maltija li ghandu prevalenza u dan skond l-artikolu 19 tal-Brussels Ii biss li jghid:

"19. In view of the jurisdiction of the Court first seised, the Court second seised shall decline jurisdiction in favour of that Court."

Ir-rikors tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali huwa sabiex tigi infurzata sentenza tal-Qorti tal-Appell f'Douai Franza fid-19 ta' April 2012 dwar ftehim bejn il-partijiet biex jigi regolat l-access u fin-nuqqas access ghal missier f'Malta jew fi Franza bil-modalitajiet li stabiliet l-istess Qorti Franciza kif jirrizulta mit-traduzzjoni tas-sentenza annessa mar-rikors promotur bhala Dok B.

Jigi rilevat li tali sentenza ma tistghax tigi ezegwita f'Malta stante li diga hemm digriet ta' din l-Onorabbli Qorti li jiregola kif ghandu jkun l-access a favur il-missier, dan id-digriet huwa datat **8 ta' Frar 2010** , kwazi sentejn qabel id-decizjoni tal-Qorti Franzia u qieghed jigi anness u mmarkat Dok LM1 li jghid li l-missier ghandu access kuljum minbarra fil-Gurnata mit-3pm sas-6pm u fil-gurnata tal-Gimgha mill-4pm sas-6pm basta jaghti preavviz ta' hamest ijiem.

Illi ghalhekk diga hemm arrangamenti prattici li kienu nghataw sabiex F G C jezercita d-drittijiet tieghu tal-access f'Malta u minflok ghazel li jezercithom u jigi Malta jara lil-uliedu, huwa ghazel li jabbandunom u ilu ma jersaq Malta ghall dawn l-ahhar sentejn.

Illi ghalhekk galadarba id-digriet tal-access mill-Qorti Maltija hareg ferm qabel dak tal-Qorti Franciza huwa d-digriet tal-Qorti Maltija li jghodd.

Jekk missier it-tfal ma jridx jigi Malta jara lil uliedu dan ma ghandux ibaghtu ghalih la uliedu u lanqas l-esponenti.

Jigi rilevat ukoll li missier it-tfal lanqas manteniment ma ghadda kif ordnatlu ukoll din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 8 ta' Frar 2010 anness u mmarkat Dok LM u fil-fatt l-esponenti qed tipprezenta ukoll rendikont dettaljat ta' kemm ghandu arretrati f'manteniment xi jhallas F G C, li kumplessivament jammontaw ghall - €21,675.

Illi ghalhekk ma jistax wiehed joqghod jaghmel dak li jisejjah forum shopping u jdur minn Qorit ghall Qorti biex jipprova jgib sentenza ghall gosti tieghu.

Illi jigi rilevat ukoll li missier it-tfal F G C kemm fil-proceduri ta' separazzjoni rik gur 250/09 Al u dawk ta' impediment ta' partenza rik gur 251/09 Al kien assuma l-atti personalment tal-kawzi u ghalhekk huwa rrikonoxxa l-proceduri quddiem din il-Qorti Maltija.

**c. Din il-Qorti mhix marbuta bis-sentenza ta' Franza**

Illi in oltre, huma diversi s-sentenzi decizi f'dan ir-rigward fejn il-Qorti tal-pajjiz li jrid jinforza dik is-sentenza ta' pajjiz iehor, irrifjuta li l-access isir f'pajjiz iehor stante li l-infurzar ta' sentenza barranija ma hix xi haga awtomatika.

Illi fis-sentenza **Re S (Brussels II Revised: Enforcement of Contact Order) [2008] 2 FLR 1358**, gie ritenut li l-access l-ewwel irid isir l-Ingilterra u mhux fil-Polonja meta kien hemm talba biex sentenza mill-Qorti pollakka tigi infurzata l-Ingilterra.

F'dan il-kaz il-Qorti semghet ix-xewqat tal-minuri. F'din is-sentenza il-mertu kien xi ftit jew wisq simili ghall dan il-kaz fejn il-minuri kien l-Inghilterra ma ommu u l-missier kien intavola proceduri that ir-regolament biex jiehu lil-minuri ghall-access (contact) fil-Pollanda. Fil-mori l-missier kien gab ordni ta' access mill-Pollanda u pprova jinfurzah l-

Inghilterra sabiex lil-minuri jiehdu l-Pollanda. Il-Qorti Ingliza ma kienitx infurzat dik is-sentenza u dana peress li kif giet ritenut fis-sentenza ‘enforcement is not a straight jacket ….the court felt it was appropriate to conduct a fresh welfare assessment and that visiting contact in England should firstly take place.’

L-istess kien gara ukoll fil-kaz **Re S-R (Jurisdiction: Contact) [2008] 2 FLR** fejn il-fatti kienu kif gej u cioe li l-missier kien pprova jinforza ‘contact order’ fil-Inghilterra, izda l-Qorti Ingliza ukoll cahdet din l-ordni u ordnat li l-access isir Malta stante li kien hemm digriet tal-Qorti ta’ Malta dwar l-access.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dawn is-sentenzi u kif ukoll peress li F G C diga ghandu arrangament prattiku sabiex jara lit-tfal, liema arrangament ilu disposibbli ghalih mill -8 ta’ Frar tas-sena 2010, illi t-talba kif kontenuta fir-rikors ghandha tigi michudha.

**d. <u>L-artikolu 48 tar-regolament tal-kunsill (KE) Nru 2201/2003 (Brussells II bis)</u>**

Jigi rilevat li t-talba tad-Direttur qed issir ai termini tal-artikolu 48 tar- regolament tal-kunsill (KE) Nru 2201/2003 li jghid hekk:

*Il-qrati ta' l-Istati Membri ta' l-infurzar jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi għall-organiżazzjoni ta' l-eżerċitar tad-drittijiet ta' l-aċċess, jekk l-arranġamenti neċessarji m'humiex jew ma sarux b'mod suffiċjenti sentenza maqtugħa mill-qrati ta' l-Istat Membru li għandu l-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza tal-kwistjoni u dement li l-elementi essenzjali ta' is-sentenza jiġu rispettati.*

Illi ghalhekk f’dan l-istadju tali talba ma tistghax tintlaqa stante li l-arragamenti dwar l-access li l-missier ghandu f’Malta huwa minnu li qed jonqos li jezercitah u inoltre hija l-Qorti Maltija li ghandha l-guridizzjoni dwar is-sustanza tal-kwistjoni stante li hemm digriet tal-access kwazi sentejn qabel dak moghti mill-Qorti Franciza u kienet l-Qorti Franciza li ma rrispettatx l-elementi essenzjali tas-

sentenza cioe tad-digriet tal-Qorti ta’ Malta anzi injoratu kompletament.

**E konsiderazzjoni ohra**

Is-sentenza ta’ Franza tghid li tali access jista jsir f’Malta jew fi Franza u ghalhekk ma hemm xejn xi jfixkel lil missier it-tfal li jigi jarhom f’Malta fil-prezenza tal-esponenti tenut kont li:

- Illi missier t-tfal ghandu tendenzi suwicidjali u huwa ukoll iddeppressat u dan kif jidher mill-email annessa u mibghuta mill-avukat Franciz. (Dok LM3)
- Illi t-tfal lanqas qatt marru Franza u lanqas jifhmu l-lingwa Franciza jew jafu lil hadd mill-familja ta’ F G C.
- Illi in oltre F G C huwa persuna vjolenti u dana kif anki jidher minn certifikat tat-tabib Franciz li juri t-tbengil li kienet issofri l-esponenti minhabba zewgha. (Dok. LM3B).
- Li missier it-tfal hadd ma jghidlu biex ma jigix jara lil uliedu u jezercita l-access li ghandu f’Malta.

Jigi rilevat li fis-sentenza **Neulinger and Shuruk v. Switzerland ([GC]) no 41615/07, ECHR 2010,** liema kawza kienet tittratta fatti simili hafna ghall dan il-kaz il-Grand Chamber tal-Qorti ta’ Strassburgu dwar dritijiet fondamentali tal-Bniedem irriteniet hekk f’paragrafu 139 tal-istess sentenza:

*‘the court must ascertain whether domestic courts conducted an in-depth examination of the entire family situation and of a whole series of factors, in particular of a factual, emotional, psychological, material and medical nature and made a balanced and reasonable assessment of the respective interests of each person, with a constance concern for determining what the best solution would be.’*

Illi huwa fid-dawl ta dawn is-sottomijonijiet kollha li t-talba ghandha tigi michudha.

L-esponenti qiegħda tipprezenta kopja tal-**psychological opinion report** maħruġ mill-Equal Partners Foundation f'Diċembru ta' din is-sena 2012 - dwar il-ħsara li ser issir lil minuri jekk dawn jittieħdu barra minn Malta, liema rapport ġie mħejji minn Elena Tanti Bourlo u qiegħed hawn jiġi anness u mmarkat Dok LM1.

Jigi rilevat li din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tirregola u taghti dawk il-proveddimenti li hija jidhrilha li huma fl-ahjar interess tal-minuri. Kif ritenut mill-Qorti ta' Strassburgu fuq id-drittijiet fondamentali tal-bniedem

“It is the cardinal principle that stands at the core of the most widely-accepted human rights treaty in the world - the United Nations International Convention on the Rights of the Child, signed in New York in 1989. Article 3 of the Convention reads as follows:

*“1. In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare, institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the <u>best interests</u> of the child shall be a primary consideration”.*

Illi l-ahjar interessi tal-minuri huwa dak li wassal lil-Qorti dwar id-dritijiet tal-Bniedem sabiex taghti decizjonijiet importanti hafna f'dan il-qasam u fosthom hemm is-segwenti:

Il-kaz Neulinger and Shuruk v. Switzerland ([GC]) no 41615/07, ECHR 2010 fejn il-fatti kienu simili hafna ghall kaz odjern. Il-missier kien joqghod l-Israel u l-omm marret lis-Svizzera bil-minuri. Fil-Qorti fl-isvizzera l-omm iddefendiet ikl-kaz ta' ritenzjoni llegali u nghatat sentenza a bazi tal-artikolu 13b, (bhalma gara fil-kaz odjern bejn il-partijiet f'Malta) Il-Qorti Svizzera tat sentenza f'dan is-sens, (bhalma ghamlet il-Qorti Maltija f'dan il-kaz), Sussegwentment kien hemm ordni sabiex it-tifel jinbghat l-Israel mit-tielet istanza tal-Appell u l-omm bdiet proceduri fi Strasbourgu. Ghalkemm l-ewwel Qorti u cioe l-ewwel chamber ma sabitx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 8

tal-konvenzjoni, il-Grand Chamber waqqaf lit-tifel milli jmur l-Israel. Il-Qorti kkunsidrat l-interessi tal-minuri li huma supremi u rriteniet li peress li kien ghadda tant zmien minn meta t-tifel kien l-ahhar l-Israel li huwa ma kellux jittiehed hemm.

Fil-fatt gie ritenut hekk *'with the best interests of the child uppermost in its mind, the Grand Chamber considered the boy's current situation – he was highly integrated in Switzerland. To remove him would cause him significant disturbance, and this must weigh heavily in the balancing exercise. On the other side of the scales, the benefits to the child of being returned without his mother to a rather uncertain to a rather uncertain family situation in Israel were scant.'*

Il-Qorti irriteniet ukoll li ma kienitx *'convinced that it would be in the child's best interests for him to return to Israel…in the event of enforcement of the Federal Court's judgment, there would be a violation of Article 8 of the Convention in respect of both applicants.'*

L-istess principju gie ukoll ritenut fis-sentenzi **Raban v. Romania no.25437/08, deciza fis-26 ta' Ottubru 2010** fejn il-Qorti ta' Strasburg irriteniet li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni fejn il-Qorti domestika ddecidiet li ma thallix lil-minuri jmorru l-Israel u kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Van Der Berg and Sarri v. The Netherlands** fejn il-Qorti ukoll irrifjutat li thalli tifla tigi ritornata l-Italja.

Illi huwa ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu premess illi l-esponenti tikkontendi li:

i. Ic-certikat Dok C ma harig skond kif inhu tassativament rikjest skond ir-regolament 41(2) tal-Brussels II bis u ghalhekk s-sentenza franciza ma tistghax tigi ezegwita f'Malta;

ii. Id-digriet tal-access f'Malta jipprevali stante li hareg kwazi sentejn qabel dak kif regolat bis-sentenza li d-Direttur jrid li tigi ezekwita u skond r-regolament 19(3)

tal-Brussels II bis huwa d-digriet tal-Qorti Maltija li jiehu precedenza fuq dik Franciza;

iii. L-infurzar mhux wiehed awtomatiku u din il-Qorti mhix marbuta bis-sentenza ta’ Franza.

iv. It-talba tad-Direttur skond l-artikolu 49 ta’ Brussells II biss ma tistghax tintlaq wkoll gha-rraguni li arrangamenti ghal access l-missier ghandu f’Malta u l-Qorti Franciza ma rrispettatx l-elementi essenzjali tad-digriet ta’ Malta.

v. Inaffidabilita tal-missier.

vi. Mhux fl-ahjar interess tal-minuri.

vii. Is-sentenza tal-Qorti Franciza tghid li jista jarhom f’Malta u missier it-tfal ma ghandu xejn xi jzommu milli jara t-tfal f’Malta.

Rat ir-replika tar-rikorrent Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali li permezz taghha ppremetta :

Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu **181B (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

Illi preliminarjament ukoll l-esponent jirrileva li, kif ġie sottomess fir-rikors bl-urġenza preżentat minnu fit-8 ta’ Jannar 2013 in-notifika ta’ liema ġiet indebitament rifjutata mill-istess rappreżentanta legali li ppreżentat din ir-risposta ġurnata qabel u li għaldaqstant tali notifika għandha bl-applikazzjoni tat-tieni proviso ta’ l-**artikolu 187(1) tal-Kap. 12** titqies valida u li saret fil-jum u fil-ħin tar-rifjut hekk kif sottomess mill-esponent fir-rikors li qed jiġi preżentat konstestwalment ma din ir-replika, **l-intimata A B C ġiet debitament notifikata bir-Rikors Ġenerali Nru 396/2012 hekk kif muri fil-parti sopralineata bl-isfar fl-estratti tal-Gazzetti annessi mar rikors imsemmi datat 8 ta’ Jannar 2013 u li għaldaqstant l-intimata kif rappreżentata m’osservatx it-terminu**

**mpost min din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha. Isegwi għalhekk li ma jistax jittieħed konjizzjoni ta' din ir-risposta stante li ġiet preżentata fuori termine;**

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke li kieku tali risposta tiġi b'xi mod meqjusa, xorta waħda l-oġġezzjonijet kontenuti fihom għandhom jiġu skartati stante li huma manifestament infondati kif ukoll frivoli u sempliċiment vessatorji għas-segwenti raġunijiet:

A. Allegata nuqqas ta' possibilta ta' eżekuzzjoni tas-sentenza

Illi diverżament minn dak fantastikat mill-intimata, s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f'Douai Franza fid-19 ta' April 2012 mhux talli għandha tiġi rikonoxxuta iżda talli għandha tiġi <u>inforzata</u> hawn Malta bħala l-istat ta' residenza tal-minuri F u G C <u>awtomatikament</u> jiġifieri "*mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabilità* ***u mingħajr ebda possibilità li ssir opposizzjoni għar rikonoxximent tagħhom***" kif preskritt fil-**paragrafu 1 tal-artikolu 41** tar-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilitá tal-ġenituri** u dan stante li tali sentenza ġiet iċċertifikata fl-Istat Membru ta' l-oriġini ċioè Franza skont kif jipprovdi l-**paragrafu 2 ta' l-istess artikolu 41**;

Illi tassew, ai termini ta' l-imsemmi paragrafu, l-Qorti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini ħareg iċ-ċertifikat imsemmi billi uża l-forma standard li tinstab fl-Anness III (ċertifikat dwar id-drittijiet ta' aċċess) ta' l-imsemmi regolament. Għaldaqstant hekk kif sanċit fil-**paragrafu 2 tal-artikolu 47** ta' l-istess regolament, is-sentenza fuq riferita "*għandha tiġi nfurzata fl-Istat Membru ta' l-infurzar* (u ċjoè Malta bħala l-istat ta' residenza tal-minuri F u G C *bl-istess kondizzjonijiet daqs li kieku ġiet maqtugħa f'dak l-Istat Membru*";

Illi dak li qed talludi l-intimata u ċioé li ċ-ċertifikat ma jistgħax jiġi kkunsidrat validu għax il-minuri ma nstemgħux

u ma kiex hemm raġuni għaliex ma nstemgħux m'hi xejn ħlief gidba sabiex tipprova ddgħajjef l-ammissibilità taċ-ċertifikat.

Illi fl-ewwel lok jingħad li b'differenza ta' dak sottomess mill-intimata kif debitament rappreżentata, skorta ta' deċiżjonijiet juru li huwa tabilħaqq rari li Qorti ssib minuri taħt l-età ta' tnax (12) –il sena matur biżżejjed biex jittieħed kont tal-fehmiet tiegħu u dan għaliex sa dik l-età, ix-xewqa li l-minuri jista' jesprimi tkun ħafna drabi konsegwenza ta' *Parental Alienation Syndrome* (PAS). Tali kundizzjoni taffettwa lill-minuri b'riżultat ta' patronanza u influwenza qawwija, bl-Ingliż *brainwashing,* impost fuqhom mill-ġenitur li jkun jgħix magħhom, f'dan il-każ l-intimata omm, kontra il-ġenitur l-ieħor ċioè f'dan il-każ il-missier. *Di più* il-fatt li l-minuri qiegħdin jgħixu l-bogħod minn missierhom u l-familja paterna tagħhom għal ħafna żmien ukoll jimpinġi sewwa fuq ix-xewqa tagħhom.

Illi f' **Robinson v. Robinson**[1], il-Qorti qalet li "*a ten year-old child's objection was the "product of undue influence," and therefore was not dispositive*". F' **Sheikh v. Cahill**[2], il-Qorti sabet li l-minuri "*Nadeem has not attained an age and degree of maturity to warrant this court to take account of his views so as to avoid his return to London. He is only 9 years old. The in camera inverview revealed that 'Nadeem did prefer to stay in the United States. However, this appeared to be very much the result of his being wooed by his father during the visitation*".[3]

Illi anke li kieku, jekk l-intimata tħoss li l-Qorti Franċiża eżerċitat ħażin il-poter diskrezzjonali mogħti lilha min dan ir-regolament fuq jekk kienx xieraq li jinstemgħu l-minuri fid-dawl ta' l-età jew il-livell ta' maturità tagħhom, ma kien hemm xejn x'iżomma milli tattakka tali deċiżjoni quddiem il-Qorti Franċiża bħala l-proper forum li għandha l-ġurisdizzjoni biex tagħmel dan. Ċertament però <u>mhux kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tissindika id-diskrezzjoni</u>

---

[1] *<u>Robinson v. Robinson</u>*, 983 F. Supp. 1339, 1343-44 (D. Colo. 1997).

[2] 546 N.Y.S.2d 517, 145 Misc.2d 171 (Sup. Ct. N.Y. 1989)

[3] Ara wkoll **Ciampaolo v. Erneta** 390 F. Supp. 2d 1269 (N.D. Ga. 2004)

eżerċitata mill-Qorti Franċiża u ċ-ċertifikat li ħareġ mill-istess Qorti u dan għaliex **huma l-Qrati Franċiżi u mhux dawk Maltin li għandhom il-kompetenza u l-ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' dan l-ilment imqajjem mill-intimata**;

Illi tassew, kif irriteniet il-Qorti ta' Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea f'**Zarraga**[4], "*huma biss il-qrati nazzjonali tal-Istat Membru ta' oriġini li għandhom jeżaminaw il-legalità tal-imsemmija sentenza fid-dawl tar-rekwiżiti imposti, b'mod partikolari, mill-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu [41] tar-Regolament Nru 2201/2003. Fil-fatt, …is-sistemi ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija fi Stat Membru stabbiliti mill-imsemmi regolament huma bbażati fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-fatt li l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom huma kapaċi jagħtu protezzjoni ekwivalenti u effettiva tad-drittijiet fundamentali, rikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Huma b'hekk dawn il-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini li għandhom jivverifikaw jekk is-sentenza li fir-rigward tagħha nħareġ ċertifikat skont l-Artikolu [41] tar-Regolament Nru 2201/2003 hijiex ivvizzjata bi ksur tad-dritt tal-minuri li jinstema'. Mis-suespost jirriżulta li …l-Qorti kompetenti tal-Istat Membru li jeżegwixxi ma tistax topponi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza, fid-dawl taċ-ċertifikat maħruġ mill-imsemmija Qorti tal-Istat Membru tal-oriġini.*"[5]

---

[4] *Zarraga* C-491/10 PPU, deċiżjoni preliminari mogħtija fit-22 ta' Diċembru 2010, http://curia.europa.eu

[5] Ibid Paragrafi 69-70, 73-74. Fil-paragrafu 64, il-Qorti saħqet ukoll li hija l-Qorti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini "*li għandha tevalwa jekk tali smigħ huwiex opportun, inkwantu t-tilwim li jrendi neċessarju sentenza dwar l-għoti tal-kustodja ta' minuri lil wieħed mill-ġenituri, u t-tensjonijiet marbuta magħhom, jikkostitwixxu sitwazzjonijiet fejn is-smigħ ta' minuri, b'mod partikolari inkwantu jirrikjedi, jekk ikun il-każ, il-preżenza fiżika tiegħu quddiem il-Qorti, jista' jirriżulta mhux xieraq, jew anki ta' dannu għas-saħħa fiżika tal-minuri, li spiss ikun suġġett għal dawn it-tensjonijiet u jbati l-effetti dannużi tagħhom. B'hekk, għalkemm jibqa' dritt tal-minuri, is-smigħ ma jistax jikkostitwixxi dritt assolut, iżda għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni skont l-eżiġenzi marbutin mal-aħjar interess tal-minuri f'kull każ partikolari, b'mod konformi mal-Artikolu 24(2)[5] tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*"

Illi difatti, in risposta għall-mistoqsija posta mill-Qorti Ġermaniża fuq jekk l-infurzar ta' sentenza ċertifikata tistax tiġi riġettata jekk din tkun tikkontjeni iveritajiet rigward is-smiegħ tal-minuri, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea f'din id-deċiżjoni preliminari saħqet li l-Qorti kompetenti tal-Istat Membru li jeżegwixxi ma tistax topponi l-eżekuzzjoni ta' tali sentenza hekk iċċertifikata fuq din ir-raġuni "**peress li l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali ksur taqa' esklużivament taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini**"[6]

L-Onorabbli Qorti tal-Ġustizzja sejset tali interpretazzjoni billi għamlet referenza għad-deċiżjoni preliminari f'**Rinau**[7] u saħqet li tali deċiżjoni stabbilit li sentenza eżegwibbli ai termini ta' l-**artikolu 40** u li tkun tat lok għall-ħruġ taċ-ċertifikat fl-Istat Membru ta' oriġini, hija rikonoxxuta u eżegwibbli awtomatikament fi Stat Membru ieħor mingħajr ma huwa possibbli li ssir oppożizzjoni għar-rikonoxximent tagħha u għalhekk, kif tispjega l-Onorabbli Qorti, "[k]*onsegwentement, il-Qorti tal-Istat Membru li jeżegwixxi ma tista' tagħmel xejn ħlief tirrikonoxxi l-eżegwibbiltà ta' sentenza ċċertifikata b'dan il-mod…Minn dan isegwi li, meta Qorti ta' Stat Membru toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-imsemmi Artikolu [41],* ***il-Qorti tal-Istat Membru li jeżegwixxi hija marbuta teżegwixxi s-sentenza ċċertifikata b'dan il-mod, mingħajr ma tista' topponi la r-rikonoxximent u lanqas il-fatt li hija eżegwibbli***.

*Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-fatt li r-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà, ta' sentenza dwar ir-responabbiltà tal-ġenituri previsti fl-Artikoli 23 u 31 tar-Regolament Nru 2201/2003, fosthom il-preġudizzju ċar għall-ordni pubbliku ta' dan l-Istat Membru u l-ksur tar-regoli fundamentali tal-proċedura ta' dan tal-aħħar li jimponu li l-minuri jingħata l-opportunità jinstema' ma ġewx riprodotti bħala raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw l-oppożizzjoni tal-Qorti tal-imsemmi Stat Membru fil-kuntest tal-proċeduri previsti fil-kapitolu III, taqsima 4, tal-imsemmi*

[6] Ibid para 75

[7] *Rinau*, CJEU C-195/08 PPU, deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Lulju 2008; www.curia.eu

*regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rinau, iċċitata iktar 'il fuq, punti 91, 97 u 99).*"[8]

Illi għaldaqstant huma biss il-qrati ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini li għandhom il-ġurisdizzjoni li jiddeċidu jekk id-drittijiet tal-minuri taħt l-**Artikolu 41(2) tar-regolament** u l-**artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali** ġewx vjolati.[9]

Isegwi li la darba l-intimat ma istitwixxietx proċeduri relattivi fi Franza, iċ-ċertifikat huwa ammissibbli u għandu l-effett li jinforza s-sentenza fl-iStat Membru l-ieħor, f'dan il-każ, Malta, mingħajr bżonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabilità ai termini tal-imsemmi **artikolu 41**;

Illi għalhekk joħroġ ċar li din l-oġġezzjoni mqajjma mill-intimata m'għandha l-ebda konformità legali u/jew ġurisprudenzjali u għaldaqstant għandha tiġi respinta;

B. Ġurisdizzjoni

Illi permezz ta' dan l-ilment, l-intimata kif rappreżentata tissolleva li s-sentenza ma tistax tiġi eżegwita f'Malta stante li, la darba diġa hemm digriet ta' aċċess mogħti min din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Frar 2010, huwa dan id-digriet li għandu jkollu prevalenza ai termini tal-artikolu 19 ta' l-imsemmi regolament u li għalhekk, dejjem skont l-intimata, dak li l-missier qiegħed jagħmel huwa biss '*forum shopping u jdur minn Qorti għall-Qorti biex jipprova jġib sentenza għall gosti tiegħu*';

Illi bid-dovut rispett min fil-fatt qed jagħmel forum shopping hija biss l-intimata li qajmet dan l-istess tip ta' argument quddiem il-Qrati Franċiżi liema Qrati, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll tat-tieni, rriġettaw kompletament tali argument u ddikjarawh inammissibli;

Tassew, kif irretinet l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Appell f' Douai fis-sentenza datata 19 t'April 2012,

---

[8] Zarraga paras. 48-49; 56-57. *Rinau* paras 84, 91, 97, 99
[9] Ibid paragrafi 59-73

"*The family court judge in Lille did entertain jurisdiction to decide upon the custody of the children, as per Article 11-7 of the Brussels regulation II bis whose conditions for application were indeed fulfilled.*

*The pending case exception raised by his wife shall be rejected as per the decision of the first judge since she does not evidence any procedure of a similar nature to the one introduced in the court, before the Maltese courts. She wants to oppose it a separation procedure she claims to have introduced in Malta, but does not support she actually informed her husband of this so-called request. She furthermore acknowledges that her husband was not present during the hearing, but does not evidence that the mandatory notification has been carried out, as provided by Article 16 of the EC regulation dated 27 November 2003. Moreover before the Maltese courts, F C has introduced a petition for nullity. Moreover, Article 16 of the Convention of The Hague dated 25 October 1980 forbids the jurisdictions of the territory to which the children have been taken to decide to the merits of the right of custody.* ***The decisions returned in this matter by the Maltese jurisdiction, on 8 February and 30 September 2010, are only temporary since they have been returned after the French Justice Ministry had informed the Maltese authorities that there was an application for the return of the children and that therefore they could not take a decision relative to the custody of the children. The irregularities of the Maltese decisions have been stressed by the French Justice Ministry*** *(sottolinear ta' l-esponenti)*"

*In her summary writings dated 20 March 2012, A BORG SAINT E… raises the pending action exception, putting forward that a separation action is pending before the Maltese court and that four decisions have already been taken by the Maltese authorities in this case. The affair having been introduced only afterwards in the Court in Lille, it is impossible to decide on the custody in application of Article 19 of the Brussels regulation.*

*A BORG SAINT E may not oppose to F C the fact that several procedures would be pending before the Maltese courts relative to their separation, since automatically none of them is identical to the one introduced in France by the Public Prosecutor….The result is that the pending case exception has to be rejected.*

*Unlike what the respondent claims, this request is perfectly understandable….As has been recalled herein above, this action has been introduced by the Public Prosecutor based on Article 11-7 of the EC regulation n° 2201/2003 and 1210-6 of the Code of Civil Procedure, and its aim is the issue of the child's custody, this custody right being described by Article 2-9 of the regulation as the rights and obligations relative to the care of the child and more specifically the right to decide his/her place of residence.*

*Therefore it is impossible to deny F C, the holder of parental authority over his two children, the right to act in a procedure in which the issue is the terms and conditions of exercising parental authority.*

*That F C has been condemned by the Maltese authorities in a procedure of deserting his family, which he furthermore challenges the regularity of, is perfectly indifferent in this case*;

Illi bi qbiel ma l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'Douai, l-esponenti jisħaq li ma kien hemm assolutament l-ebda lok li din l-Onorabbli Qorti ċċedi l-ġurisdizzjoni stante li:

a. id-digriet li tagħmel referenza għalieh l-intimata huwa wieħed ta' natura proviżorja mogħti fi <u>proċeduri mhux ta' kustodja tal-minuri iżda ta' separazzjoni personali</u> bejnha u l-missier Ettienne C wara rikors ippreżentat mill-missier stess;
b. il-proċeduri istitwiti quddiem il-Qrati Franċiżi kienu proċeduri totalment diverżi bbażati fuq l-**artikolu 11 paragrafu 7 ta' l-istess regolament** li jagħti s-setgħa lill-partijiet, f'dan il-każ l-intimata omm u l-missier, sabiex jagħmlu s-sottomissjonijet lill-Qorti Franċiża ħalli l-istess

Qorti tkun tista’ teżamina l-kwistjoni ta’ l-kustodja tal-minuri kif fil-fatt hekk għamlet;
c. Il-kwistjonijiet li qajmet l-esponenti fir-risposta ppreżentata minnha u ċjoè tal-manteniment kif ukoll li l-missier rrikonoxxa l-proċeduri quddiem il-Qorti Maltija m’għandhom l-ebda relevanza mal-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni;

Illi anke li kieku, bir-rispett kollu din l-Onorabbli Qorti xorta m’għandha l-ebda kompetenza li tinjora din is-sentenza fuq dan ir-raġunament kif qed tippretendi li għandha tagħmel l-intimata stante li l-forum appożitu li quddiemha għandu jiġi trattat dan l-ilment hija l-Qorti Franċiża. Dan tafu ben tajjeb l-intimata tant li fil-fatt qajmet dan l-ilment quddiem tali Qorti liema ilment ġie trattat u sussegwentament riġettat mill-Onorabbli Qorti Franċiża;

Illi ġjaladarba tali sentenza tissodisfa r-rekwiżiti stipulati taħt l-artikolu 41 tar-regolament, allura l-enforzabbilità tagħha hija waħda awtomatika u <u>m’għandha bżonn l-ebda intervent ġudizzjarju ħlief sabiex jingħata arranġamenti prattiċi għall-organiżazzjoni ta’ l-eżerċitar tad-drittijiet ta’ l-aċċess kif definiti fis-sentenza ai termini ta’ l-**artikolu 48 ta’ l-istess regolament**</u>;

Illi l-esponenti juri d-diżapprovazzjoni sħiħa tiegħu għall-aġir ta’ l-intimata li biex tipprova tpenġi l-argument frivolu tagħha, u ċjoé li l-Qorti mhix marbuta bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Franċiża, bħala wieħed konvinċenti, qiegħda tiżvija lil din l-Onorabbli Qorti billi tgħamel referenza għal sentenzi u tagħti x’tifhem li l-bażi legali ta’ dawn is-sentenzi huwa l-istess bħas-sentenza in kwistjoni;

Illi dan m’hu veru xejn. Filwaqt li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Franċiża hija bbażata fuq l-artikolu 11 tal-paragrafu 7 liema sentenza tgħati drittijiet ta’ aċċess kif prefiss fl-artikolu 40(1)(a) tal-artikolu 40 tar-regolament u għalhekk għanda tkun enforzata direttament u awtomatikament skont l-imsemmi artikolu 41, <u>is-sentenzi riferuti mill-intimata ma ġewx mogħtija fiċ-ċirkustanza partikolari ta’ l-**artikolu 40(1)(a)** tar-regolament u għaldaqstant r-rikonoxximent *o meno* tagħhom m’huwiex awtomatiku</u>

iżda huwa regolat permezz tal-**artikoli 21** et seq tar-Regolament jiġifieri bil-proċedura tal-*ex equator*.

Illi tali proċedura tagħti dritt lil kwalsijasi parti nteressata sabiex ai termini ta' l-**artikolu 21 paragrafu 3 tar-regolament** tissottometti applikazzjoni għal deċiżjoni li sentenza tiġi jew ma tiġix rikonoxxuta. It-tieni sub-paragrafu tal-istess paragrafu jistabbilixxi għal dan l-għan, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni territorjali. Il-**paragrafu 4 ta' l-istess artikolu** jirregola r-rikonoxximent ta' sentenza b'mod inċidentali.

Illi hekk kif irriteniet l-Onorabbli Qorti tal-Gustizzaja ta' l-Unjoni Ewropea f'**Rinau**, **tali proċedura tapplika b'eċċezzjoni għal-dawk il-każijiet fejn il-proċedura tirrigwarda deċiżjoni ċċertifikata skont l-Artikolu 11(8), u l-Artikolu 40 sa 42 tar-regolament**: "*b'eċċezzjoni ta' każijiet fejn il-proċedura tirrigwarda deċiżjoni ċċertifikata skont l-Artikoli 11(8) u 40 sa 42 tar-Regolament, kull parti interessata tista' titlob li ma tiġix irrikonoxxuta deċiżjoni ġudizzjarja, anki jekk ma jkunx ġie ppreżentat rikors għal rikonoxximent tad-deċiżjoni qabel.*"[10]

Illi difatti dawn is-sentenzi riferuti mill-intimata m'għandhom l-ebda l-ebda ċertifikat anness magħhom hekk kif jipprovdi l-**artikolu 41** liema ċertifikat huwa fundamentali għar-rikonoxximent u l-inurzar awtomatiku tas-sentenza mogħtija ai termini tal-**Kapitolu III, Taqsima 4 tar-Regolament**;

Illi għalhekk l-iskop wara r-referenzi għal dawn is-sentenzi huwa purament wieħed qarrieqi intiż sabiex jittenta joħloq interpretazzjoni li ma teżistix u lanqas qatt ma tista' teżisti;

Illi tabilħaqq jiġi ribadit li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi dwar, *inter alia*, id-drittijiet ta' l-aċċess ai termini ta' l-**Artikolu 40(1)(a)** hija bbażata, hekk kif inhu kontemplat fil-**premessa 21** tal-istess regolament, *"fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-bażi għal nuqqas ta' rikonoxximent għandu jinżamm għall-minimu neċessarju*".

[10] Rinau paragrafu 97

Kif saħqet il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea f' **Purrucker I**[11], *"[a]s is evident from Recital 2 in the preamble to Regulation No 2201/2003, the principle of mutual recognition of judicial decision is the cornerstone for the creation of a genuine judicial area*"[12];

Illi f'deċiżjoni preliminari mogħtija f'**Rinau**, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, avvanzat il-prinċipju li d-dispożizzjonijet li jinsabu fl-Artikolu 11(8) u 40 sa 42 tar-Regolament igawdu min "**awtonomija proċedurali**"[13].

Illi f'din l-imsemmija deċiżjoni, l-kwistjoni posta quddiem il-Qorti kienet tirrigwarda sentenzi li jeħtieġu r-ritorn tal-minuri ai termini ta' l-**artikolu 40(1)(b)** liema infurzar huwa bl-istess mod awtomatiku jekk jinħareġ ċertifikat ai termini ta' l-**artikolu 42**. Illi ma hemmx dubju li l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja f'din id-deċiżjoni ċertament japplikaw għall-sentenzi dwar id-drittijiet ta' l-aċċess ai termini ta' l-**artikolu 40(1)(a)** liema infurzar huwa awtomatiku jekk jinħareġ ċertifikat ai termini ta' l-**artikolu 41** stante li l-prinċipju huwa l-istess.

Illi f'din id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja saħqet li ċertifikat maħruġ taħt l-**artikolu 42** (l-**artikolu 41** fil-każ in diżamina) huwa karatteristika vitali f'din il-proċedura għall-eżekuzzjoni u infurzar awtomatiku tas-sentenza. Jekk tali ċertifikat jissodisfa ir-rekwiżiti kontemplati fl-**Artikolu 42(2)** (l-**artikolu 41(2)** fil-każ in deżamina), is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-oriġini għanda tkun rikonoxxuta u infurzata mingħajr l-involviment ta' l-*ex equatur*. Difatti l-**Artikolu 21(3)** li jirregola l-proċedura ta' l-*ex equatur* espressament jistipula li tali proċedura tapplika "<u>[m]ingħajr preġudizzju għal **Taqsima 4 ta' dan il-Kapitolu (Kapitolu III)**</u>" liema Kapitolu jirregola l-infurzabilita ta' ċerti sentenzi dwar id-drittijiet ta' l-aċċess u ċerti sentenzi li jeħtieġu r-ritorn tal-minuri permezz ta' l-**artikoli 40 et seq.** tar-regolament:

---

[11] C-256/09 *Purrucker I* deċiżjoni preliminari mogħtija fil-15 ta' Lulju 2010, http://curia.europa.eu

[12] Ibid paragrafu 70: "Mill-premessa 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta li l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa l-bażi għall-ħolqien ta' żona ġuridika ġenwina" (Traduzzjoni Maltija).

[13] *Rinau* paragrafu 64

"*Ir-riżerva magħmula fl-Artikolu 21(3) tar-Regolament, bil-kliem "[m]ingħajr preġudizzju għal Taqsima 4"… għandha bħala għan li tispeċifika li l-possibbiltà mogħtija minn din id-dispożizzjoni lil kull parti interessata li titlob li tittieħed deċiżjoni għal rikonoxximent jew għal nuqqas ta' rikonoxximent tad-deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ma teskludiex il-possibbiltà, taħt il-kundizzjonijiet neċessarji, li wieħed jirrikorri għas-sistema prevista fl-Artikoli 11(8), 40 u 42… peress li din is-sistema tipprevali fuq dik prevista fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu III.*"[14]

"*Fir-rigward tal-effetti taċ-ċertifikazzjoni, mill-mument li ċ-ċertifikat ikun inħareġ, id-deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri prevista fl-imsemmi Artikolu 40(1)(b) [fil-każ in diżamina id-deċiżjoni dear id-drittijiet ta' l-aċċess prevista fl-imsemmi artikolu 40(1)(a)], hija rrikonoxxuta u tiddisponi mis-saħħa eżekuttiva fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma tkun neċessarja dikjarazzjoni li tirrikonoxxi s-saħħa eżekuttiva u mingħajr ma jkun possibbli li topponi r-rikonoxximent tagħha*."[15]

Illi f'din id-deċiżjoni l-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea saħqet ukoll li "*peress li l-awtentiċita tal-imsemmi ċertifikat ma kinitx ikkontestata u peress li dan inħareġ skont il-formularju li l-mudell tiegħu jinstab fl-Anness IV (l-Anness III fil-każ in deżamina) tal-imsemmi regolament,* ***l-oppożizzjoni għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni li tordna r-ritorn (fil-każ in diżamina li tagħti d-drittijiet ta' l-aċċess) hija pprojbita***"[16]

Illi tant hu hekk li l-**artikolu 43(2) ta' l-istess regolament** jeskludi kull appell kontra l-ħruġ ta' ċertifikat skont l-**Artikoli 41(1) u 42(1)** barra minn azzjoni ta' korrezzjoni fis-sens tal-**Artikolu 43(1) tar-Regolament** f'liema azzjoni għall tali korrezzjoni taċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti tal-orġini "*jistgħu jitqajmu dubji dwar l-awtentiċità ta'dan iċ-ċertfikat biss b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet legali*

[14] Ibid paragrafu 65
[15] Ibid paragrafu 68
[16] Ibid paragrafu 89

*tal-Istat Membru ta' oriġini*"[17]. Ara wkoll id-deċiżjoni preliminari f' **Povse**[18] punt numru 73;

Illi hekk kif tistqarr il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, l-**artikolu 43 ta' l-imsemmi regolament** "*ifittex li jevita li l-effettività tad-dispożizzjonijiet tiegħu titqiegħed inkwistjoni permezz ta' użu abbużiv tal-proċedura. Barra minn hekk, l-Artikolu 68 ma jsemmi, fost l-appelli, ebda appell ippreżentat minn deċiżjonijiet meħuda skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu III tar-Regolament*"[19]. Ara wkoll id-deċiżjoni **Zarraga** para 50[20];

Illi, hekk kif ikkonkludiet l-istess Qorti , b'differenza mill-proċedura ta' l-*ex equatur* regolata taħt l-imsemmija artikoli 21 et seq tal-istess regolament, "*rikors li ma tiġix irrikonoxxuta deċiżjoni ġudizzjarja ma jintlaqax jekk ikun inħareġ ċertifkat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament. Fit-tali sitwazzjoni, id-deċiżjoni li ġiet iċċertifikata hija infurzabbli, peress li ebda oppożizzjoni għar-rikonoxximent tagħha ma tista' titressaq.*"[21] (Ara wkoll id-deċiżjoni **Povse** ċċitata iktar il-fuq, paragrafi 70-71[22]);

---

[17] Ibid paragrafu 50

[18] *Povse* C-211/10 PPU, deċiżjoni preliminari mogħtija fl-1 ta' Lulju 2010, http://curia.europa.eu

[19] *Rinau* Ibid paragrafu 85

[20] *Zarraga* paragrafu 50: "*sabiex tiġi żgurata l-ħeffa tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi kkonċernati u sabiex jiġi evitat li l-effettività tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 ma tiġix ippreġudikata minħabba użu abużiv tal-proċedura, kull azzjoni kontra l-ħruġ ta' ċertifikat skont l-Artikolu [41] tar-Regolament, minbarra azzjoni għal korrezzjoni fis-sens tal-Artikolu 43(1), hija eskluża, anki fl-Istat Membru ta' oriġini (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Rinau, iċċitata iktar 'il fuq, punt 85)*"

[21] *Rinau* paragrafu 109

[22] *Povse* para 70-71: "*Kif jirriżulta mill-premessa 24 u mill-Artikolu 42(1) u 43(2) tar-Regolament, l-għoti ta' ċertifikat ma huwiex suġġett għal appell, u d-deċiżjoni b'hekk iċċertifikata hija awtomatikament infurzabbli, mingħajr ebda possibbiltà li tiġi prekluża r-rikonoxximent tagħha. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 43(1) tar-Regolament, il-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini hija applikabbli għal kull korrezzjoni fiċ-ċertifikat, bil-kundizzjoni li, bħall-premessa 24, tali azzjoni tkun inbdiet biss fil-każ ta' żball materjali, jiġifieri jekk iċ-ċertifikat ma jirriflettix korrettement il-kontenut tad-deċiżjoni. Barra minn hekk, huwa previst fl-Artikolu 44 tar-Regolament li ċ-ċertifikat jipproduċi biss l-effetti tiegħu fil-limiti tal-infurzabbiltà tas-sentenza, u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament li deċiżjoni ċċertifikata tista' ma tiġix infurzata jekk ma tkunx konċiljabbli ma' xi deċiżjoni infurzabbli mogħtija sussegwentement*."

Illi tassew, sentenzi mogħtija skont kif sanċit fl-**artikolu 40**, mhumiex negozjabli jekk ċertifikat inħareġ *ai termini* tat-**Taqsima IV tal-Kapitolu III**. Min naħa l-oħra, hekk kif diġa ġie ribadit iktar il-fuq, fejn tali ċertifikat ma jeżistix, kull parti fil-każ tista tapplika sabiex ma tiġix rikonoxxuta sentenza mogħtija skont l-**Artikolu 21(3)** tar-regolament;[23]

Il Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll f'**Zarraga** li l-ewwel sub-paragrafu tal-**Artikolu 42(2)** (l-**artikolu 41(2)** fil-każ in deżamina) ta' l-imsemmi regolament ma'għandux għan ieħor ħlief dak li jindika lill-Qorti tal-Istat Membru ta' oriġini l-kontenut minimu meħtieġ għal dak li jikkonċerna s-sentenza li abbażi tagħha ser jingħata ċ-ċertifikat previst fl-**Artikolu 42(1)**. L-**artikolu 42(2)**, fil-każ in kwistjoni l-**artikolu 41(2)**, b'ebda mod ma jawtorizza lill-Qorti tal-Istat Membru li jeżegwixxi sabiex iwettaq stħarriġ ġudizzjarju tal-kundizzjonijiet li fihom inħareġ l-imsemmi ċertifikat li huwa jistabbilixxi.[24] Il-Qorti tal-Ġustizzja emfasizzat li, bħal ma ġie stabbilit f'Rinau, l-awtonomija proċedurali rigward il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw it-**Taqsima 4 tal-Kapitolu III tar-Regolament** huwa inkapsulat fl-**artikolu 43** li jistipula li hija l-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini li għanda tirregola r-rattifika taċ-ċertifikat;

Il-Qorti kompliet tisħaq li "*t-tqassim ċar tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini u tal-Istat Membru li jeżegwixxi stabbilit mid-dispożizzjonijiet tal-kapitolu III, taqsima 4, tar-Regolament Nru 2201/2003 … huwa bbażat fuq il-premessa li l-imsemmija qrati jirrispettaw, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, l-obbligi li dan ir-regolament jimponi fuqhom, b'mod konformi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*."[25]

F'**Povse**[26] il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Eworpea għamlet għal darb 'oħra referenza għal każ ta' Rinau u stabilixxit l-awtonomija proċedurali tal-Qorti ta' l-Istat

[23] *Rinau*, paragrafi 92, 96-97
[24] *Zarraga* paragrafi 52 sa 55
[25] Ibid paragrafu 59
[26] *Povse* C-211/10 PPU

Membru ta’ l-Oriġini.[27] Il-Qorti emfasizzat li l-kwistjonijiet kollha kemm proċedurali kif ukoll dawk fil-mertu għandhom jiġu mqajma quddiem il-Qorti ta’ l-Istat Membru ta’ l-Oriġini skont ir-regoli tas-sistema legali tagħha.[28] L-unika eċċezzjoni hija dik marbuta mal-proċedura ta’ l-infurzar liema proċedura għandha tkun irregolata mill-liġi ta’ l-istat Membru ta’ l-infurzar ai termini ta’ l-**artikolu 47(1)** u l-**premessa 23** tal-istess regolament.[29] Il-Qorti fakkret ukoll li, kif jirriżulta mill-imsemmija premessa 23 tar-Regolament, “*l-arranġament għall-implementazzjoni ta’ tali deċiżjonijiet jiġu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru ta’ infurzar” ai termini* **tal-artikolu 48** tar-regolament.[30]

Il-Qorti saħqet li interpretazzjoni diverża tmur kontra l-għan tar-regoli sanċiti fit-**Taqsima 4** rigwardani sentenzi ċertifikati li jagħtu awtonomija proċedurali lill-Qrati ta’ l-Istati Membri ta’ l-Oriġini;[31]

Attiżi dawn il-kunsiderazzjonijiet u l-prinċipji legali joħroġ ferm evidenti li huwa l-obbligu ta’ din l-Onorabbli Qorti li tirrispetta l-awtonomija tal-proċedura prevista mid-disposiżżjonijiet ċitati u ċioé dawk li jaqgħu taħt il-**Kapitolu III, Taqsima 4 tar-regolament rispettiv**;

Isegwi għalhekk li l-ebda argument avvanzat mill-intimata ma hu ta’ sustanza iżda huma msejsa fuq nuqqas serju ta’ iter loġiku tant li ma jimmeritaw l-ebda tip ta’ akkoljiment anżi għandhom jiġu miċħuda. Dan iffisser li l-iskop tal-intimata wara din ir-risposta huwa biss li toħloq aktar

---

[27] *Rinau*, paragrafi 63-64

[28] Ara wkoll il-Paragru 51 tas-sentenza Zarraga iċċitata iktar il-fuq fejn il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll irribadiet li *“il-kwistjonijiet dwar il-legalità tas-sentenza..., b’mod partikolari l-kwistjoni jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-Qorti li għandha ġurisdizzjoni tkun tista’ tagħti din is-sentenza humiex sodisfatti, għandhom jitqajmu quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta’ oriġini, b’mod konformi mar-regoli tal-ordinament ġuridiku tiegħu”*

[29] Povse paragrafi 69-79

[30] Ibid Paragrafu 72

[31] Ibid paragrafi 74-75: *“id-domandi dwar il-mertu tad-deċiżjoni bħala tali, inkluża l-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet rikjesti sabiex il-Qorti li għandha ġurisdizzjoni tkun tista’ tagħti din id-deċiżjoni huma sodisfatti, inkluż il-kontestazzjonijiet eventwali dwar il-ġurisdizzjoni, għandhom jiġu invokati quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini, skont ir-regoli tas-sistema legali tagħha. ….B’hekk, ebda motiv ma jista’ jitqajjem quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta’ tneħħija kontra l-infurzar ta’ tali deċiżjoni, peress li l-liġijiet ta’ dan l-Istat jirregolaw biss il-kwistjonijiet proċedurali, fis-sens tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament, jiġifieri l-arranġamenti għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni.”*

dewmien a skapitu ta' l-istess minuri F u G C li qed jiġi leż lilhom id-dritt li jżommu kuntatt regolari ma' missierhom ai termini ta' l-**artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali** kif fuq ingħad;

Illi dan l-aġir abbużiv da parti tal-intimata huwa kundannabbli tant li jirrendiha ħatja ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku ai termini ta' l-**artikolu 338(ll) tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi għaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex mingħajr dewmien tilqa' t-talbiet kif dedotti permezz tar-Rikors Ġenerali ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2012, r-rikors ulterjuri ppreżentat fit-8 ta' Jannar 2013 kif ukoll ir-rikors li qed jiġi preżentat kontestwalment ma' din ir-replika u tiddetermina l-arranġamenti prattiċi *ai termini* ta' l-imsemmi **artikolu 48 tar-Regolament rispettiv** tenut kont tal-fatt li għaddew iktar minn għaxar xhur mid-data ta' meta ingħatat is-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell f'Douai Franza f'liema żmien, u għalkemm hekk ordnata mill-istess Qorti ta' l-Appell, l-intimata irrifjutat iktar minn darba li taderixxi ruħha ma' l-istess;

Daqstant għandu x'jissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat in-nota tal-intimata ghar-replika tad-direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali illi permezz taghha ppremettiet :
Illi preliminarjament l-esponenti hija meraviljata kif tali hegga d-Direttur turiha biss fil-konfront taghha u ma tuzghax l-istess mezzi biex jigi nfurzat ordni ta' din il-Qorti biex l-arretrati ta' manteniment dovuti minn F C jigu maqtuqgha mill-paga tieghu liema ordni ilha issa ghal aktar minn sena biex tigi nfurzata.

Dwar l-art. 181B (3) Kap 12 : jigi rilevat li dan japplika biss ghal min jibda l-proceduri u mhux bhal dan il-kaz meta l-proceduri inbdew minn dipartiment tal-gvern u ghalhekk tali asserzjoni tad-Direttur rikorrenti li r-risposta kellha tintbaghat kopja taghha lill-Avukat Generali hija ghal kollox infondata.

Dwar l-asserzjoni tal-istess Direttur li r-rikors bl-urgenza tat-8 ta' Jannar 2013 gie indebitament rifjutata minn l-istess rapprezentant legali taghha, anke din hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li preliminarjament l-ordni tal-Qorti kienet biex id-Direttur jinnotifika lil kontro-parti u mhux lill-avukat tal-kontro-parti u t-tieni l-avukat tal-kontro-parti mhux Dr. Maxilene Pace izda Dr. Anna Mallia. Difatti Dr. Maxilene Pace imkien ma taffigura f'dawn il-proceduri. Hija tal-misthija kif id-Direttur qed kull darba jipprova jizvija lil din il-Qorti b'asserzjonijiet infondati. Ghalhekk anke din l-asserzjoni hija nfondata.

Dwar l-asserzjoni l-ohra tal-istess Direttur li r-risposta tal-esponenti tar-rikors promotur dahlet fuori termini, jigi rilevat li dan qatt ma jista' jkun ghax l-esponenti baqghet qatt ma giet notifikata b'dan ir-rikors u ghalhekk setghet taghti ruhha notifikata meta trid. L-estratti tal-gazzetta tal-gvern u taz-zewg gurnali esebiti mar-rikors tad-Direttur fit-8 ta' Jannar 2013 jirreferu ghar-rikors ta' F C (li ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri) u mhux ghar-rikors generali u ghalhekk anke din l-asserzjoni tad-Direttur ghandha tigi michuda bhala nfondata.

Dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza: (i) l-esponenti taghmel referenza ghar-risposta taghha u senjatament ghall-artikolu 41(2) tar-regolament Brussels 2201/2003 (cioe` Brussels II biss) fejn jghid specifikatament li huwa tassattiv li l-imhallef jisma lit-tfal (il-kliem tal-ligi huma 'shall' u mhux 'may') u jekk ma jismaghhomx irid skond l-istess ligi jghid ghaliex.

"41(2) The judge of origin shall issue the certificate referred to paragraph (1) only if the child was given an opportunity to be heard unless a hearing was considered inappropriate having regard to his or her age."

Anke l-ahhar pagna tal-istess rikors promotur kif mahruga mill-Qorti ta' Franza f'para 11 tghid dan cioe` li t-tfal iridu jinstemghu 'unless a hearing has been deemed inappropriate considering their age or maturity level'; haga li l-Qorti Franciza ma ghamlet xejn minn dan cioe la

semghet lit-tfal u lanqas tat raguni ghaliex ma ghamlitx dan.

Effettivament anke l-istess decizjonijiet kwotati mid-Direttur juru li l-istess Qorti dejjen taghti raguni ghaliex it-tfal ma nstemghux fil-proceduri li kellha quddiemha u dan jikkonferma kemm l-esponenti ghandha ragun meta tghid li galadarba ma instemghux it-tfal u l-anqas l-Qorti Franciza ma tat ebda raguni ghaliex dehrilha li ma kellhiex tisma t-tfal, dan huwa difett procedurali sostanzjali stante li r-regolament 41(2) ta’ Brussesls II biss jaghmilha tassativa li jsir dan.

(ii) Ir-rikors promotur tad-Direttur tas-6 ta’ Lulju 2012, id-Direttur tghid li t-talba qed taghmilha ai termini tal-artikoli 41(1) u 41(2) u 47(2) tal-istess Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/2003 u kif il-Qorti Franciza dehrilha li ma ghandhiex toqghod ghal Qorti Maltija ma hemm xejn xi jzomm lil Qorti Maltija milli taghmel l-istess.

Id-digriet tal-access F C f’Malta gie notifikat bih, waqt ir-rikors tal-access li ghamel hu nstemgha quddiem din il-Qorti, u anke ezercita tali access f’ Malta u li ghalhekk huwa kien komdu b’dan l-arrangament.

Dwar l-asserzjoni tad-Direttur li mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti franciza u c-certifikat tali hareg minn l-istess Qorti u dan ghax skond l-istess Direttur huma l-Qrati Francizi u mhux dawk Maltin li ghandhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni biex jiehdu konjizzjoni ta’ dan l-ilment imqajjem lill-intimata, l-istess argumenti jghoddu ghal Qorti Franciza li ma kienx kompitu taghha tissindaka d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti Maltija meta kienet l-ewwel Qorti li taghat id-decizjoni taghha dwar l-access tal-minuri.

L-esponenti ma tistax ma tergghax tosserva l-animu li ghandha d-direttur lejha bhala cittadina Maltija u lejn l-Qrati Maltin u dan meta d-Direttur taf jew imissha taf li galadarba diga hemm digriet ta’ Qorti Maltija dwar l-access liema digriet inghata fit-8 ta’ Frar 2010 huwa

digriet ta' din il-Qorti Maltija li jghodd u dan ai termini tal-artikolu 19 tal-Brussels II biss li jghid specifikatament li :

"19. In view of the jurisdiction of the Court first seised, the Court second seised shall decline jurisdiction in favour of that Court."

Dan l-artiokolu jaghmilha cara ghalhekk li hija l-Qorti Maltija li tipprevali.

Inoltre kif il-Qorti Franciza ghazlet li tinjora lil Qorti Maltija ma hemm xejn li jzomm lil Qorti Maltija milli taghmel l-istess aktar u aktar meta l-Qorti Maltija kienet l-ewwel u l-unika Qorti li tat decizjoni dwar l-access tal-minuri.

Inoltre jigi rilevat li t-talba tad-Direttur qed issir ai termini tal-artikolu 48 tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/2003 liema regolament jghid specifikatament hekk :

*"Il-Qrati ta' l-Istati Membri ta' l-infurzar jistghu jaghmlu arrangamenti prattici ghall-organizazzjoni ta' l-ezercitar tad-drittijiet ta' l-access, jekk l-arragamenti necessarji m'humiex jew ma sarux b'mod sufficjenti sentenza maqtugha mill-qrati ta' l-Istat Membru li ghandu l-gurisdizzjoni dwar is-sustanza tal-kwistjoni u dement li l-elementi essenzjali tas-sentenza jigu rispettati."*

Konvenzjentement id-Direttur qed tinsa li diga hemm arragamenti necessarji dwar l-access ordnati mill-Qorti Maltija.

Jigi rilevat li Brussels II mhux qeghda hemm biex tipprotegi nies kriminali li jisfidaw l-ordni ta' Qorti ta' Malta u jhallsu l-manteniment kif ordnat lilhom, jaghzlu li jmorru ghal Qorti ohra. Brussels II qeghda hemm biex tipprotegi genituri responsabbli u mhux irresponsabbli bhal F C.
Ghalhekk ai termini tal-artikolu 48 tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/2003 kif hawn fuq citat, ir-rikors promotur tad-Direttur lanqas jista' jigi milqugh minn din l-Qorti ghax japplika biss meta ma hemmx decizjoni mill-qrati tal-istat membru u f'dan il-kaz decizjoni dwar l-access minn Malta diga jezisti.

Illi l-argumenti kollha l-ohra msemmija mid-Direttur ghaliex l-Qorti Franciza hija bhal Qorti divina u li tghid hi jghodd, hija ghal kollox infondata ghax l-istess argumenti ghandhom jghoddu ghal Qorti Maltija li kienet hija li tat id-decizjoni dwar l-access u huwa l-missier li ghazel li jinjora li joqghod ghal tali access.

Bir-rispett kollu ma tistax id-Direttur tipprova taghmel kapital mit-tfal u tghid li dawn qed jiccahdu minn missierhom u tikkwota l-artikolu 24(3) tac-Charter tad-drittijiet tal-bniedem meta huwa missierhom li mhux imantnihom u li mhux qed jigi jarahom kif ghandu dmir li jaghmel.

Id-Direttur ma ghandha qatt il-funzjoni li tipprotegi nies bhal F C li jigi jaqa` u jqum minn l-ordnijiet moghtija lilu mill-Qorti Maltija u jekk hemm kaz ta’ proceduri skond l-artikolu 338(II) tal-Kap 9 kif qed tikkontendi d-Direttur dawn ghandhom japplikaw ghal F C u mhux ghal esponenti.

L-esponenti tirriserva li titratta aktar fid-dettal dwar id-decizjonijiet msemmija mid-Direttur u l-artikoli citati minn l-istess meta jkun il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti għandha quddiemha talba da parti tad-Direttur tad-Dipartiment Għal Standards fil-Ħarsien Soċjali għan-nom ta’ F G C bħala l-missier taż-żewġ minuri F u G C sabiex din il-Qorti tagħmel dawk l-arranġamenti prattiċi għall-organiżazzjoni ta’ l-eżerċitar tad-drittijiet tal-aċċess tal-missier għal uliedu skond kif mogħtija permezz tas-sentenza datata d-19 ta’ April 2012 mill-Qorti tal-Appell f’Douai, Franza u dan *ai termini* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbilità tal-ġenituri.

**<u>Il-Każ Odjern</u>**

Illi permezz ta' sentenza ppronunzjata mill-Qorti tal-Appell f'Douai Franza fid-19 ta' April 2012, F G C ingħata dritt ta' aċċess għal uliedu tewmin F u G C mweldin f'Armentieres, Franza fis-27 ta' Ġunju 2007 u li qiegħdin jirrsjedu flimkien mal-omm A B C nèe D. E f'283A Main Street Balzan, Malta[32].

Stante li l-missier jallega li sab oppożizzjoni qawwija mill-intimata sabiex jeżerċita d-dritt ta' aċċess mogħti lilu mill-Qorti tal-Appell Franċiża, intavola r-rikors odjern sabiex jiġi stabbilit modalita' ta' aċċess *ai termini* tal-istess sentenza msemmija. Min-naħa l-oħra, l-intimata topponi għal tali talba u tiċċita numru ta' argumenti fosthom li:

1. **<u>Hemm nuqqas ta' possibilta ta' eżekuzzjoni tas-sentenza</u>**

L-intimata tikkontendi li hemm nuqqas ta' possibilita' ta' eżekuzzjoni tas-sentenza Franċiża abbażi tal-fatt li l-minuri ma instemgħux fil-mori tal-proċeduri Franċiżi. Dan ifisser li tali eċċezzjoni hija ta' natura proċedurali dwar kif mexa l-proċess ġewwa Franza. L-intimata tiċċita l-Artikolu 41(2) tar-regolament Brussels 2201/2003 (Brussels II bis) li jsegwi hekk:

"***The judge of origin shall issue the certificate referred to paragraph (1) only if the child was given an opportunity to be heard unless a hearing was considered inappropriate having regard to his or her age***".

Il-Qorti tirrileva li l-minuri twieldu nhar is-27 ta' Gunju 2007. Dan ifisser li fiż-żmien li ingħatat is-sentenza mill-Qorti Franċiża, tali minuri lanqas biss kienu għadhom għalqu l-eta' ta' ħames snin. Din il-Qorti tirrileva li l-importanza li tingħata għall-fatt li l-minuri għandhom isemmgħu leħinhom bl-ebda mod m'għandu jiġi mnaqqas għaliex tali prinċipju huwa fil-qalba tad-drittijiet tal-istess

[32] Traduzzjoni awtentika fil-lingwa Ingliża ta' din is-sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

tfal iżda tali dritt m'huwiex wieħed assolut. Hekk kif fil-kawża **W vs W (2010) EWHC 332 (Fam)** il-Qorti Ingliża rreteniet li tifel ta' sitt snin kellu jinstema', dan ma jfissirx li t-tewmin in kwistjoni (li kienu għadhom lanqas għalqu l-eta' ta' hames snin kellhom jinstemgħu ta' bilfors. Tant hu hekk li l-istess artikolu ċitat mill-intimata jagħmel *proviso* fuq dan il-punt. Wieħed jista' jifhem ukoll id-diffikulta' li seta' kien hemm da parti tal-Qorti Franċiża sabiex tipprova tikkomunika mat-tifel minuri li ġie *diagnosed* bħala *autistic* (u dan tikkonfermah l-intimata stess). Dan qiegħed jingħad anke in vista tal-fatt li jirriżulta ċar li t-tifel għandu problemi ta' komunikazzjoni u għalhekk kien ser ikun ferm diffiċli, jekk mhux kważi impossibbli għall-Imħallef Franċiż li jikkomunika mal-istess minuri. Pero', irrispettivament minn dan l-argument, il-Qorti tirrileva li sabiex tiġi attakkata l-validita' o meno tal-istess sentenza Franċiża li abbażi tagħha l-attur intavola t-talba tiegħu, l-intimata kellha neċessarjament tintavola l-proċeduri quddiem il-Qorti Franċiża għaliex din il-Qorti m'għandha ebda setgha li tissindika jew tindaga jekk is-sentenza hijiex waħda valida jew le. Is-sentenza in kwistjoni hija waħda finali li hekk kif ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem trid tiġi rispettata mingħajr kantunieri.

Kuntrarjament għal dak li tgħid l-intimata, d-Direttur rikorrenti jargumenta li l-enforzabbilita' tas-sentenza Franċiża hija waħda awtomatika jiġifieri "***mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabilità u mingħajr ebda possibilità li ssir opposizzjoni għar rikonoxximent tagħhom***"[33] u dan stante li tali sentenza ġiet iċċertifikata fl-Istat Membru ta' l-oriġini ċioè Franza skond kif jipprovdi l-paragrafu 2 ta' l-istess artikolu 41 ta' l-imsemmi Regolament. Għaldaqstant din il-Qorti m'għandha l-ebda kompetenza tiddeċiedi jekk topponix jew le l-eżekuzzjoni tas-sentenza, wisq inqas tidħol fil-mertu tagħha.

2. **Hemm nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fis-sens li għandu jgħodd id-digriet ta' din il-Qorti dwar l-**

[33] Paragrafu 1 tal-artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003

**<u>aċċess u konsegwentement din il-Qorti mhix marbuta bis-sentenza ta’ Franza</u>**;

L-intimata targumenta li huwa d-digriet mogħti mill-Qorti ta’ Malta dwar l-aċċess li għandu jipprevali[34], tant li tasal biex tgħid li din il-Qorti għandha s-setgha li tinjora s-sentenza tal-Qorti Franċiża abbażi tal-istess digriet ta’ aċċess. Il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan ir-raġunament għaliex minnu nnifsu digriet huwa ordni ta’ natura temporanja u bl-ebda ma jista’ jitpoġġa fuq l-istess livell ta’ sentenza kif wara kollox għandha quddiemha din il-Qorti. Il-fatt li tali sentenza ingħatat barra minn Malta ma jneħħilha ebda valur jew validita’ u hekk kif ser jiġi diskuss aktar ‘il quddiem, tali sentenza tista’, anzi għandha tiġi nfurzata hawn Malta. Jekk l-intimata ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti Franċiża allura l-istess intimata kellha tistitwixxi l-proċeduri relattivi fi Franza. La darba dan ma sarx, is-sentenza mogħtija mill-Qorti Franċiża kif debitament ċertifikata hija awtomatikament enforzabbli f’Malta mingħajr bżonn ta’ dikjarazzjoni tal-infurzabbilità ai termini tal-imsemmi artikolu 41 u din il-Qorti ma tistax topponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew wisq inqas tirrevokha, tvarjha, tinjorha jew twettaq xi stħarriġ ġudizzjarju tal-kundizzjonijiet li fihom is-sentenza ġiet iċċertifikata fl-Istat Membru ta’ l-oriġini ċioé Franza[35] għaliex dan huwa l-bażi wara l-prinċipju tar-rikonoxxibilita’ u l-enfurzar ta’ sentenzi barra minn Malta.

3. **<u>Li l-verdett tal-Qorti f’Douai ma jagħtix dritt illi F C jiddeċidi waħdu id-dati u l-persuni illi għandhom jakkompanjaw lit-tfal Franza u lura Malta</u>**;

Illi l-intimata tikkontendi li l-missier qed jipprova jiddeċiedi waħdu d-dati u d-dettalji dwar l-aċċess mogħti lilu iżda jiġi rilevat li tali allegazzjoni tmur kontra t-talba oriġinali tar-rikors odjern li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti kollha neċessarji sabiex ikun

[34] Ara d-digriet esebit a fol 98 tal-process

[35] Artikolu 41 para 1 u artikolu 43 para 1 ta’ l-imsemmi Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003; Ara wkoll *Rinau*, CJEU C-195/08 PPU, deċiżjoni mogħtija fil-11 ta’ Lulju 2008, kif ukoll *Povse* C-211/10 PPU, deċiżjoni preliminari mogħtija fl-1 ta’ Lulju 2010, u *Zarraga* riferuti mill-esponent fl-imsemmija replika ppreżentata minnu;

jista' jeżerċita d-dritt ta' aċċess mogħti lilu. Dwar dan l-argument, id-direttur attur jissottometti li fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri ma ġie konteż minnu li permezz tas-sentenza tal-Qorti f'Douai hemm imnissel xi dritt mogħti lill-missier li jiddeċiedi waħdu d-dati u l-persuni illi għandhom jakkumpanjaw lit-tfal Franza u lura Malta. Anzi l-istess direttur jargumenta li sa mill-bidu nett insista li dan għandu jigi deċiż minn din l-Onorabbli Qorti skond kif jipprovdi l-Artikolu 48, tant li għamel it-talba f'dan is-sens permezz tar-rikors ġenerali. Din il-Qorti taqbel mal-argument tad-Direttur hekk kif imqajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fis-sens li li kieku verament il-missier ħaseb jew aħjar ippretenda li kellu tali dritt, allura ma kienx jirrikorri għall-għajnuna da parti tad-Dipartiment u jintavola r-rikors odjern iżda kien jaġixxi waħdu b'mod unilaterali. Dan ċertament mhux il-każ.

4. **<u>Li skond Dr. Helena Tanti Burlo, it-tifel ibaghti bl-awtiżmu u t-tifla 'ikollha ftit attention difficulties' u għalhekk bħala psikologa kieku ma tibgħat qatt tfal żgħar 'ma nies li ma jafux'</u>**;

Il-Qorti tirrileva li l-ġurisdizzjoni dwar min għandu jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri flimkien mal-aċċess relattiv diġa' ġie deċiż mill-Qorti Franċiża. Kif diġa' ġie rilevat aktar 'il fuq, din il-Qorti m'għandhiex is-setgha li tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti Franċiża għaliex kienet dik l-istess Qorti li semgħet il-provi fuq il-mertu tal-kura u l-kustodja u l-aċċess. Il-mertu tar-rikors odjern huwa wieħed ferm differenti.

Irid jingħad ukoll li l-argumenti kollha li tqajjem l-intimata f'dawn il-proċeduri, inkluż dwar x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri ġew diskussi u deċiżi mill-Qorti Franċiża. Għalhekk, minkejja l-fatt li l-intimata tressaq xhieda ta' natura professjonali biex turi x'effett jista' jkollu l-fatt li l-minuri, speċjalment it-tifel jiġi aljenat minn ommu, jiġi rilevat ukoll li tali argumenti diġa' ġew elaborati, diskussi u deċiżi mill-Qorti Franċiża. Tant hu hekk, li l-istess Qorti rreteniet li l-istess minuri għandhom jgħixu mal-omm għaliex it-trawma fuq minuri bl-awtiżmu li qatt ma kien 'il bogħod minn ommu u jispiċċa 'l bogħod minnha tista' tkun waħda serja

ħafna. Tali argument huwa wieħed validu iżda kif diġa' intqal, dan ġie kkunsidrat mill-Qorti Franċiża u kien proprju f'dan il-kuntest li l-Qorti Franċiża fdat il-minuri f'idejn l-omm bi dritt ta' aċċess favur il-missier.

5. **<u>L-illeġittimita tal-attur direttur stante li, dejjem skond l-intimata, ma għandux locus standi ċioe interess ġuridiku biex jintavola dawn il-proċeduri</u>**;

Illi d-direttur rikorrenti jargumenta li tali eċċezzjoni ma tistax treġi *stante* li bħala l-awtorità ċentrali ta' Malta, id-direttur ġie debitament awtorizzat bil-miktub mill-missier stess sabiex, hekk kif inhu obbligat ai termini ta' l-artikoli 54 u 55(b) ta' l-imsemmi regolament, jikkopera u jieħu l-miżuri neċessarji biex itejjeb l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament billi, fil-każ in kwistjoni, jaġixxi f'isem il-missier fl-arranġamenti għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Franċiża liema arranġamenti jiġu, hekk kif provdut fil-premessa 23 u l-artikolu 48 tar-regolament, regolati mill-liġi ta' l-istat Membru ta' infurzar u ċioè Malta bħala l-istat ta' residenza tal-minuri F u G C;

Illi din il-Qorti tirrileva (u dan bi qbil mal-argument imqajjem mid-direttur rikorrenti) li mkien fl-awtorizzazjoni ffirmata minn F C ma hemm indikat dak li qed tallega l-intimata u ċioe li tali awtorizzazjoni torbot unikament il-proċeduri tal-*abduction* liema proċeduri ġew istitwiti mid-direttur stess abbażi tal-artikoli 12 u 13 ta' l-imsemmija Konvenzjoni ta' l-Ajja (li ġiet inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 11 tar-Regolament ta' Brussel.

Illi għalhekk, anke li kieku *dato ma non concesso* kellu jiġi argumentat dan, xorta waħda l-awtorizzazzjoni in kwistjoni hija bla dubju applikabbli għal dawn il-proċeduri u dan stante li kienu proprju tali proċeduri tal-abduction istitwiti kontra l-intimata li taw lok sabiex, ai termini tal-artikolu 11 paragrafu 7 ta' l-istess regolament, il-missier F C jissottometti l-proċeduri quddiem il-Qorti Franċiża li, permezz ta' sentenza mogħtija minnha ingħata l-imsemmija drittijiet ta' aċċess għal uliedu. Illi jsegwi

għalhekk li dawn il-proċeduri għall-arranġamenti prattiċi għall-organiżazzjoni ta' l-eżerċitar tad-drittijiet ta' l-aċċess mill-missier F G C huma kontinwazzjoni tal-proċeduri ta' l-abduction li ġew istitwiti kontra l-intimata u li għaldaqstant ma kien hemm l-ebda lok li jkun hemm awtorizazzjoni mill-ġdid mill-missier. Dan anke in vista tal-fatt li wara kollox kien hu stess li talab lill-Awtorità Ċentrali ta' Franza sabiex ai termini ta' l-artikoli 54 u 55(b) tar-regolament, tikkomunika mad-direttur rikorrenti bħala l-Awtorità Ċentrali ta' Malta bl-eżitu tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Douai Franza fid-19 ta' April 2012 u tieħu l-miżuri neċessarji biex taġixxi għan-nom tiegħu fl-arranġamenti għall-implementazzjoni ta' tali deċiżjoni. Għalhekk anke dan l-argument hekk kif miġjub mill-intimata ma jistax ireġi.

6. **Nuqqas ta' relazzjoni ġuridika għaliex, skont l-intimata, *ai termini* ta' l-artikolu 780 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "*l-Qrati tagħna dejjem irritenew li b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn iż-żewġ partijiet, ħaġa li ma teżistix f'dan il-każ*"**

Illi l-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għal dak diġa' ċitat aktar 'il fuq u tirrileva li l-argument hekk kif miġjub mill-intimata huwa totalment irrelevanti għaliex il-liġi applikabbli fil-każ odjern ċertament ma hijiex l-artikolu 780 tal-Kap. 12 iżda hija l-Konvenzjoni ta' l-Ajja kif ratifikata f'Malta permezz tal-Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament ta' Brussel liema regolament jorbot lil Malta u huwa parti mill-liġi domestika tagħha hekk kif jippreskrivi l-artikolu 3 tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġialadarba Malta u allura l-Qrati tagħha huma legalment obbligati mhux biss jirrikonoxxu iżda jagħtu forza lil sentenzi mogħtija minn qrati barranin, allura l-argument hekk kif miġjub mill-intimata ma jreġix, anke in vista tal-fatt li kien l-istess missier li ta l-awtorizazzjoni tiegħu sabiex imexxu għan-nom tiegħu, kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq.

7. **Li l-missier ifalli minn kull aspett fil-kapaċità tiegħu li jieħu ħsieb lil uliedu filwaqt li l-intimata stess tiddiskrivi lilha nnifisha bħala omm eżemplari**

Dan hu argument ieħor fil-mertu tal-każ li ġie diskuss u deċiż mill-Qorti Franċiża. Għal darb'oħra jerġa' jingħad li dan l-argument, għalkemm seta' kellu bażi tajba quddiem il-Qrati Franċiżi, fil-kuntest tar-rikors odjern (ġialadarba din il-Qorti għandha quddiemha sentenza finali mill-Qorti tal-Appell Franċiża), ma għandu ebda rilevanza għaliex din il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu dwar jekk kienx għaqli jew ġust li l-missier jingħata d-dritt ta' aċċess mogħti lilu jew le. Il-Qorti Franċiża (u f'dan il-kuntest wieħed irid jingħad li l-intimata kellha l-opportunita' li ġġib a konjizzjoni tal-Qorti l-argumenti kollha li qiegħda tressaq quddiem din il-Qorti) xorta waħda rreteniet li l-missier għandu jkollu aċċess anke barra minn Malta għaliex waslet għall-konklużjoni li s-safar huwa dejjem ta' gwadann għall-minuri. Fi kliem l-istess Qorti:

**"*G's disorders shall not constitute an obstacle to his travel since, on the one hand, the Maltese psychologists have only detected slight to moderate autistic disorders in him (he is indeed attending school and plays with other children), and on the other hand, and above all, he will be travelling with his sister and his father or a member of the latter's family*".**

Dan juri kemm il-Qorti Franċiża ħadet konjizzjoni tal-argumenti miġjuba mill-intimata anke fil-mori tal-proċeduri odjerni. Evalwat iċ-ċirkustanzi u l-evidenza kollha u waslet għall-konklużjoni tagħha. Jekk l-intimata ma taqbilx ma' din is-sentenza, allura jerġa' jingħad li mhux kompetu ta' din il-Qorti li tissindika u ġġib fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Franċiża kif qed tipprova tagħmel l-intimata. Il-Qorti għandha tirrispetta l-obbligu li jimponi fuqha Regolament Nru 2201/2003 u ċioe' li tirrispetta l-awtonomija proċedurali tal-Qorti tal-Istat Membru ta' l-Oriġini, f'dan il-każ Franza, skont id-disposiżżjonijiet ta' l-imsemmi Regolament ċitati iktar il-fuq u ċioé dawk li jaqgħu taħt il-Kapitolu III, Taqsima 4;

Illi dan ifisser li l-kwistjonijiet kollha kemm proċedurali kif ukoll dawk fil-mertu għandhom jiġu mqajma quddiem il-

Qorti ta' l-Istat Membru ta' l-Oriġini, jiġifieri Franza, skond ir-regoli tas-sistema legali tagħha.[36] L-unika eċċezzjoni hija dik marbuta mal-proċedura ta' l-infurzar liema proċedura għandha tkun irregolata mill-liġi ta' l-istat Membru ta' l-infurzar ai termini ta' l-artikolu 47(1) u l-premessa 23 tal-istess regolament. Kif jirriżulta mill-imsemmija premessa 23 tar-Regolament, "***l-arranġament għall-implementazzjoni ta' tali deċiżjonijiet jiġu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru ta' infurzar***" *ai termini* tal-artikolu 48 tar-regolament[37] u dan hu preċiżament dak li għandha quddiemha din il-Qorti u xejn aktar.

**<u>Il-Bażi Legali għat-Talba tad-Direttur tad-Dipartiment Għal Standards fil-Ħarsien Soċjali</u>**

Illi paragrafu 1 tal-artikolu 41 tar-Regolament Nru 2201/2003 jgħid hekk:
"***drittijiet ta' aċċess...mogħtija f'sentenza nfurzabbli li tkun ingħatat fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti u jkunu nfurzabbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabilità u mingħajr ebda possibilità li ssir opposizzjoni għar-rikonoxximent tagħhom jekk is-sentenza tkun ġiet iċċertifikata fl-Istat Membru ta' l-oriġini***";

Illi d-Direttur tad-Dipartiment Għal Standards fil-Ħarsien Soċjali jibbaża l-argument tiegħu fuq l-artikolu hawn fuq ċitat stante li jargumenta li s-sentenza hawn fuq imsemmija ġiet fil-fatt iċċertifikata mill-istess Qorti tal-Appell ġewwa Douai Franza ai termini ta' paragrafu 2 ta' l-istess artikolu 41. Din il-Qorti tirrileva li tali ċertifikat, flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni fil-lingwa Ingliża ġew esebiti in atti bħala Dok. B u Dok. C rispettivament. Konsegwentement, l-istess Direttur jiċċita paragrafu 2 tal-artikolu 47 ta' l-istess regolament, u jinsisti li s-sentenza fuq riferita għandha tiġi nfurzata fl-Istat Membru ta' l-infurzar (u ċioè Malta bħala l-istat ta' residenza tal-minuri F u G C bl-istess kondizzjonijiet daqs li kieku ġiet maqtugħa f'dak l-Istat Membru.

[36] Ara Povse paras 60-79 u Zarraga para 51 iċċitati ktar il-fuq u riferuti fir-replika ippreżentata mill-esponent
[37] Povse paragrafu 72 (vide replika ppreżentata mill-esponent)

Din il-Qorti tirrileva li l-isfond tar-rikors odjern huwa l-frott ta’ battalja legali dwar ir-residenza tal-istess ulied kif ukoll dwar il-kura u l-kustodja tal-istess ulied. Dan qiegħed jingħad *stante* li l-missier kien diġa’ intavola proċeduri *ai termini* tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Ajja dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta’ Minuri sabiex ikun hemm ordni għar-ritorn tal-minuri ġewwa Franza wara li allega li l-istess minuri ġew miżmuma f’Malta mill-omm mingħajr il-kunsens tiegħu bi ksur ta’ drittijiet ta’ kustodja. Iżda permezz ta’ sentenza mogħtija fit-30 ta’ Novembru 2010 din il-Qorti hekk kif diversament preseduta ċaħdet it-talba tad-Direttur esponent wara li waslet għall-konklużjoni li l-minuri nżammu Malta bil-kunsens tal-missier. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell permezz ta’ sentenza mogħtija nhar il-**2**5 ta’ Frar 2011. Sussegwentement, il-missier intavola proċeduri quddiem il-Qorti Franċiża sabiex din teżamina l-kwistjoni ta’ l-kustodja ta’ l-minuri tewmin F u G C. Permezz ta’ sentenza mogħtija fid-29 ta’ Awwissu 2011, il-Qorti tal-Familja f’Lille, Franza, iddeċidiet bil-mod segwenti (fost oħrajn):

- *Rejected either parent’s request to be granted exclusive exercise of the parental authority and says that they will exercise together the parental authority over F and G,*

- *Established the residence of the children with the mother after studying the analysis of the recent work on autism, a disease suffered by G, and established that the mother has done everything to have the child stimulated so that G has improved in a significant way since June 2010. As regards F, the first judge has established that the parents agreed not to have the twins separated and consequently, her residence has also been established in Malta with her mother,*

- *Granted the father a visiting and accommodation right during the school holidays, but in Malta.*

Il-missier ħassu aggravat minn din is-sentenza u konsegwentement intavola appell. Il-Qorti ta' l-Appell f'Douai, Franza permezz ta' sentenza mogħtija fid-19 ta' April 2012, kkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Lille f'kollox ħlief fir-rigward tad-dritt ta' l-aċċess mogħti lill-missier għal-uliedu fejn rriformat dan id-dritt ta' aċċess bil-mod segwenti:

- *"Grants the father a visiting and accommodation right which, save better agreement between the parents, shall be exercised in Malta or in France and shall be regulated as follows:*

- *Half the Christmas and summer holidays, the first half on even years and the second half on odd years,*
- *All the other school holidays as listed in Malta,*

*The father will have to fetch the children and bring them back or to have them fetched and brought back by any trusted third party, and to send the mother, if the holidays are planned in France, the plane tickets at least two months beforehand*".

Jidher għalhekk li l-missier għandu dritt ta' aċċess hekk kif mogħti lilu *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Franċiża hawn fuq imsemmija. Dak li trid tiddeċiedi din il-Qorti hu jekk tali sentenza għandhiex tiġi awtomatikament infurzata u rikonoxxuta b'dan li jiġi stabbilit aċċess li jkun eżerċitabbli skond u *ai termini* tal-istess sentenza Franċiża daqs li kieku tali sentenza ingħatat hawn Malta jew le. F'dan il-kuntest issir referenza għall-premessa 23 tar-regolament li jgħid hekk:

"***sentenzi dwar drittijiet ta' aċċess...li ġew ċertifikati ġewwa l-Istati Membri fejn oriġinaw skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu rikonoxxuti u nfurzati fl-Istati Membri kollha mingħajr ma tkun neċessarja ebda proċedura oħra. L-arranġamenti għall-infurzar ta' dawn is-sentenzi jkomplu jiġu rregolati mil-liġi nazzjonali";***

Il-Qorti tirrileva wkoll li s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Douai msemmija aktar 'il fuq, ġiet fil-fatt iċċertifikata mill-istess Qorti tal-Appell ġewwa Douai Franza ai termini tal-paragrafu 2 ta' l-istess artikolu 41 liema ċertifikat, flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni fil-lingwa Ingliża, ġew esebiti in atti.

Il-Qorti tirrileva wkoll li sussegwentement, *ai termini* tal-Artikoli 54 u 55(b) ta' l-istess regolament, l-Awtorità Ċentrali ta' Franza kkomunikat mad-Direttur tad-Dipartiment Għal Standards fil-Ħarsien Soċjali bħala l-Awtorità Ċentrali ta' Malta bl-eżitu tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Douai Franza fid-19 ta' April 2012 kif debitament ċertifikata, u talbitha tikkopera u tieħu l-miżuri neċessarji biex ittejjeb l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi, hekk kif inhija debitament awtorizzata bl-imsemmija awtorizzazzjoni bil-miktub iffirmata mill-missier, taġixxi għan-nom tal-istess F C fl-arranġamenti għall-implementazzjoni ta' tali deċiżjoni, liema arranġamenti jiġu, hekk kif provdut fil-premessa 23 u l-artikolu 48 tar-regolament, regolati mill-liġi ta' l-istat Membru ta' infurzar u ċioè Malta bħala l-istat ta' residenza tal-minuri F u G C[38].

Din il-Qorti hija konvinta bl-aktar mod assolut li l-intimata għamlet minn kollox biex iċċaħħad lill-missier milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess. Dan hu ampjament manifestat anke mid-dokumentazzjoni esebita (fosthom biljetti tal-ajru) li turi li l-missier għamel tentattivi konkreti sabiex jara lil uliedu iżda l-intimata baqgħet qatt ma kkoperat tant li meta l-istess missier bagħat għall-minuri, dawn tal-aħħar ma ttiħdux l-ajruport minn ommhom. Kwalunkwe tentattiv da parti tal-awtoritajiet, da parti tal-missier, da parti tal-Konslu Franciz sfaw fix-xejn ghaliex l-intimata baqghet tisfida u twebbes rasha. Dan kollu juri kemm fil-fatt kien hemm in-neċessita' li jiġu institwiti l-proċeduri odjerni sabiex finalment il-missier jeżerċita d-dritt mogħti lilu mill-Qorti Franċiża u li ġie mċaħħad minnu sal-ġurnata odjerna mill-intimata.

---

[38] Ara l-email mibgħuta mil-Magistrat Lauric Baby mill-Awtorità Ċentrali ta' Malta fis-7 ta' Mejju 2012 hawn annessa u markata bħala Dok. A

**Dwar it-Talba tar-Rikors Promotur**

Illi t-talba fir-rikors promotur hija waħda ġenerika u wiesgħa li tagħti lok lil din il-Qorti sabiex tistabbilixxi kif verament jista' jiġi eżerċitat l-aċċess tal-missier b'mod effettiv. Permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, d-direttur attur jissottometti li din il-Qorti għandha:

1. Tipprovdi arranġamenti prattiċi f'każ li l-omm ma tikkoperax;

2. Tordna li l-effett tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 176/2009 jiġi sospiż jew revokat b'mod limitat u temporanju għal perjodu ta' safar tal-minuri F H C u G I C skont is-sentenza fuq ċitata mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'Douai, Franza;

3. Tordna li jiġu notifikati l-awtoritajiet kollha kompetenti b'tali sospensjoni jew revoka temporanja tal-imsemmi Mandat numru 176/2009;

4. Tordna li jinħareġ passaport f'isem il-minuri F H C u G I C mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens ta' wieħed mil-ġenituri liema passaport ikun jista jinġabar min rappreżentant tal-missier.

Illi permezz ta' rikors datat it-8 ta' Lulju 2013, l-intimata talbet lil din il-Qorti sabiex (fost talba għal sfilz tad-dokument anness man-nota ta' sottomissjonijiet) ma tieħux konjizzjoni tal-erba' talbiet hekk kif ċitati aktar 'il fuq *stante* li targumenta li dawn huma talbiet ġodda u li konsegwentement ma jistgħux isiru permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet, u ċioe' fi stadju meta l-provi huma kollha magħluqa u fi stat tant avvanzat tal-kawża.

Min-naħa tiegħu d-direttur rikorrenti jirribatti billi jikkontendi li tali allegati talbiet ġodda m'humiex verament talbiet ġodda iżda modi jew illustrazzjonijiet ta' kif din il-Qorti tista', jew għandha tagħti l-ordnijiet tagħha sabiex finalment tintlaqa' t-talba oriġinali hekk kif dedotta fir-rikors

promotur u konsegwentement il-missier ikollu aċċess effettiv.

Din il-Qorti tirrileva li huwa minnu li fit-talba hekk kif dedotta fir-rikors promotur m'hemmx dettalji jew speċifikazzjonijiet dwar kif għandu jkun ordnat aċċess effettiv skond is-sentenza tal-Qorti Franċiża. Huwa minnu li kien ikun ferm aktar idoneju li kieku t-talba fir-rikors promotur saret aktar speċifika. Pero' fl-istess waqt din il-Qorti tirrileva li l-istess talba hija formulata b'tali mod li tħalli lil din il-Qorti wisa' biżżejjed sabiex fiċ-ċirkustanzi tal-każ tara x'inhuma dawk il-modalitajiet li jistgħu iservu lill-missier sabiex ikun jista' jeżerċita d-dritt li tagħtu l-Qorti Franċiża. Il-Qorti tħoss li dak elenkat fin-nota ta' sottomissjonijiet da parti tad-direttur huma suġġerimenti jew aħjar rakkomandazzjonijiet ta' kif jista' jiġi effettwat u eżerċitat tali aċċess pero' *stante* li dawn m'humiex talbiet formali mniżżla fir-rikors promotur, din il-Qorti m'hijiex marbuta bihom. Fl-istess ħin, tali suġġerimenti huma modi prattiċi ta' kif il-missier ikun jista' jeżerċita d-dritt ta' aċċess tiegħu għal uliedu u għalhekk, f'dan il-kuntest ukoll, il-Qorti ma tħossx li jkun ekwu u ġust li tali suġġerimenti jiġu meqjusa bħala talbiet ġodda u formali.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddekreta l-imsemmi rikors tal-intimata tat-8 ta' Lulju 2013 billi tichad it-talbiet kollha fih kontenuti, u ghalhekk, ma hemmx bzonn illi l-intimata tipprezenta ebda replika ghar-risposta tad-Direttur rikorrent, u il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet taghha f'dan ir-rigward.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tad-direttur rikorrent hekk kif dedotta b'dan li tordna:

1. Li l-missier ikollu aċċess għaż-żewġ minuri ġewwa Malta jew Franza bil-mod segwenti:

Fis-sena 2013 l-aħħar nofs tal-vakanzi tal-minuri tal-Milied u tas-sajf. L-aċċess għandu jibda jiġi eżerċitat minn dik il-

ġurnata li taħbat preċiżament fin-nofs tal-ammont ta' ġranet tal-vakanzi tal-istess minuri.

Fis-sena 2014 l-ewwel nofs tal-vakanzi tal-minuri tal-Milied u tas-sajf. L-aċċess għandu jibda jiġi eżerċitat mill-ewwel ġurnata tal-vakanzi sa' dik il-ġurnata li taħbat preċiżament fin-nofs tal-ammont ta' ġranet tal-vakanzi tal-istess minuri.

Għas-snin ta' wara, l-aċċess għandu jkompli jsegwi b'mod li fis-snin żewġ, il-missier ikollu aċċess għall-minuri fl-ewwel nofs tal-vakanzi kif spjegat aktar 'il fuq filwaqt li fis-snin fard, l-istess missier ikollu aċċess għall-minuri fl-aħħar nofs tal-vakanzi.

Għal finijiet ta' kjarezza, anke in vista tal-fatt li l-istess missier mhux ser ikollu l-opportunita' li jara lil uliedu b'mod frekwenti, l-aċċess hekk kif ordnat għandu jkun bl-aktar mod massimu b'dan li l-minuri jqattgħu il-ġranet kollha tal-istess aċċess miegħu u għandhom jirritornaw lura għand l-intimata ommhom malli jiskadi ż-żmien tal-aċċess kif spjegat aktar 'il fuq.

F'każ li l-missier ikun ser jeżerċita' tali dritt ta' aċċess ġewwa Franza, huwa għandu jinforma lill-intimata u jagħtiha l-biljetti tal-arju mill-anqas xahrejn qabel id-data tal-ivjaġġar. Il-biljetti tal-ajru għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata jew permezz tal-*email* f'każ li l-biljetti jkunu elettroniċi. Kopja tal-istess għandhom jintbagħtu lill-Awtorita' Centrali Franciza li sussegwentement jibgħatu l-istess korrispondenza lill-Awtorita' Centrali Maltija.

Għandu jkun il-missier jew mandatarju tiegħu li jieħdu lill-minuri mir-residenza tagħhom mal-omm fi Franza u jġibuhom lura Malta fl-istess residenza tal-omm. L-intimata hija ordnata li tkun fir-residenza tagħha flimkien mal-minuri fil-ħin u l-jum li l-missier ikun ser jiġi għalihom jew jibgħat għalihom biex jeżerċita l-aċċess tiegħu. Kwalunkwe tentattiv da parti tal-intimata sabiex tipprova twaqqaf jew ixxekkel lill-missier milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess għandu jiġi interpretat bħala disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti u il-Qorti tordna li f'dak il-każ,

għandhom jittieħdu l-passi neċessarji kontra l-istess intimata b'mod awtomatiku;

Fil-vakanzi l-oħra li jkollhom l-istess minuri hawn Malta, il-missier għandu jkollu aċċess għall-perjodu kollu tal-istess vakanzi b'dan li jekk ikun ser jeħodhom Franza, għandu jaċċerta ruħu li l-minuri jkunu hawn Malta għall-ewwel ġurnata tal-iskola li jkun imiss;

2. Tordna li f'każ li l-intimata ma tikkoperax, allura l-minuri għandhom jiġu akkompanjati bl-assistenza tal-Pulizija jew tal-Marixxalli tal-Qorti, skond il-każ;

3. Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 176/2009 u tordna n-notifika tal-istess revoka lill-awtoritajiet kompetenti inkluż l-Ajruport Internazzjoni ta' Malta u l-Portijiet;

4. Tawtorizza lill-partijiet sabiex kull wieħed u waħda minnhom b'mod unilaterali jkun jista' japplika u jiġbor jew jibgħat rappreżentant tiegħu (bil-miktub) biex jiġbor il-passaporti relattivi għall-minuri F H C u G I C, liema passaporti għandhom dejjem ikunu limitati għall-vakanza partikolari li jkunu ser jagħmlu l-istess ulied.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------